# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

## S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Novembru, 2001

**Numru 4**

**Avviz Nru. 266/00 SM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rapprezentatrici tas-socjeta' estera assikuratrici CGU Insurance plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Umberto Montalto**

**vs**

**Cecil Bartoli**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Fil-15 ta' Marzu, 2001, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza dwar ir-responsabilita' ghall-incident stradali li biha akkollat il-htija kollha ta' l-incident fuq il-konvenut Cecil Bartoli.

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux jigi:

1. Iddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fil-25 ta' Gunju, 1999 f'tas-Sliema waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru. CJB 053, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat ma' l-vettura numru BAR 675 proprjeta' ta' assikurat tal-attur, u misjuqa minn Maria Concetta Montalto, u ikkaguna hsarat f'din il-vettura;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija u sbatax-il Lira Maltin u disa u erbghin centezmi (LM517.49,0) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Ikkundannat jhallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;

4. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali tat-2 ta' Settembru, 1999, (notifikata fl-10 ta' Settembru, 1999) tal;-konsult (LM12.00) u ta' l-ittra ufficjali ohra ppresentat kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u kontra l-istess konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat n-nota ta' l-eccezzjonijiet datat iz-17 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu il-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-kollizjoni in kwistjoni grat unikament tort tad-driver l-ohra billi, kif jigi pruvat, dina telghet Amery Street, Sliema fuq in-naha hazina tat-triq u b'dak il-mod dahlet fil-karozza tal-konvenut. Ghalhekk it-tabiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes;

2. Salvi eccezzjonjiet ohra u b'riserva tad-drittijiet tal-konvenut;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tal-5.00 p.m. tal-25 ta' Gunju ta' l-1999 f'Amery Street, Tas-Sliema, bejn il-vettura tal-marka Subaru misjuqa minn Maria Concetta Montalto bin-numru ta' registrazzjoni BAR-675, u dik tal-makra Mercedes misjuqa mill-konvenut Cecil Bartoli bin-numru ta' registrazzjoni CJB-053;

2. Illi l-incident de quo sehh meta l-konvenut, li kien hiereg mill-istabbilment "Nicholson's" ghal go Amery Street, Sliema, baqa' diehel fil-vettura ta' Montalto li kienet qed issuq fl-istess triq kif indikat fl-iskizz ipprezentat fl-atti ta' din il-procedura, li ma gie ikkontestat mill-ebda wahda mill-partijiet fl-essenzjalita' tieghu;

3. Illi d-danni sofferti mis-socjeta' attrici huma regolarment riskontrati u jirrizulta ampjament li s-socjeta' attrici ghamlet tajjeb ghalihom;

Illi mill-fatti kif jirrizultaw lil din il-qorti, l-konvenut kien qieghed jaffettwa manuvra li permezz taghha mill-area rizervata ghall-parkegg ta' l-istabbiliment fuq indikat huwa ried jisbokka fit-triq li minnha jghaddi t-traffiku;

Illi ghalhekk kien l-oneru ta' l-istess konvenut li jkun prudenti fis-sewqan tieghu li meta jasab biex johrog mill-istabbiliment fuq indikat u jisporgi fil-karreggjata applikabbli ghalieh biex ma jkun ta' perikolu ghalieh u ghall-utenti ohra ta' l-istess karreggjata;

Illi in oltre bhala l-persuna li kien ser jidhol f'din il-karreggjata kellu wkoll l-oneru li jara li l-manuvra tieghu tkun wahda permissibbli mir-regolamenti tat-traffiku u konsegwentement kellu l-oneru li jaccerta ruhu li ma jkunx hemm traffiku iehor ghaddej qabel ma jazzarda jizbokka fit-triq;

Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-konvenut Cecil Bartoli unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici kagun ta' l-incident indikat fl-avviz odjern;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija u sbatax-il Lira Maltin u disa u erbghin centezmu, (LM517.49,0);

3. Tikkundanna lill-istess konvenut Cecil Bartoli jhallas lis-socjeta' attrici din is-somma hekk likwidata, bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Minn din is-sentenza appella naturalment il-konvenut. Appell li, fil-fehma ta' din il-Qorti, bl-ebda mod ma jigi sostnut fil-ligi. Il-fatti tal-kawza huma semplici u mhux kontestati. L-appellant Bartoli kien qed isuq il-vettura tieghu hiereg minn gol-garage ta' Nicholsons Supermarket, f'Amery Street, tas-Sliema, fil-mument meta kienet qeghda ssuq f'dik it-triq Maria Concetta Montalto, tiela' t-telgha u sejra fid-direzzjoni tal-Knisja ta' Stella Maris. Kif soltu, f'dik il-parti tat-triq, kien hemm vetturi parkjeggati fuq iz-zewg nahat u ovvjament il-vizwali ghas-sewwieqa ta' min ikun hiereg minn gol-garage ta' Nicholsons kienet ostakolata b'vetturi parkeggjati, kemm fuq ix-xellug kif ukoll fuq il-lemin tad-driver li jkun hiereg minn gol-garage.

Mill-banda l-ohra l-fatt li fl-istess Amery Street, fuq iz-zewg nahat tat-triq kien hemm karozzi parkeggjati naturalment illimitaw il-wisgha tal-karreggjata ta' dik it-triq. Hu aktar minn ovvju illi min ikun hiereg minn go garage, anke jekk dan hu ta' Supermarket, kellu juza' l-massima

prudenza u kellu r-responsabilita' shiha li ma jazzardax jirfes fuq it-triq qabel ma jkun accerta ruhu ghal kollox illi dik kienet hielsa minn kull traffiku fiz-zewg direzzjonijiet. Min ikun hiereg minn go garage ma kellu d-dritt li jassumi xejn rigward tas-sewqan fuq it-triq li fuqha jkun jixtieq jirfes. Utenti tat-triq kellhom kull dritt jesigu illi l-ebda vettura hierga minn go garage ma tostakolahom fi triqthom. Hi ghal kollox zbaljata s-sottomissjoni illi l-fatt li utent tat-triq ikun fuq in-naha l-hazina tat-triq, jew anqas u anqas *on the crown of the road*, kienet necessarjament tfisser li dan kellu xi htija ghall-incident. Multo magis meta s-sinistru jsehh ma' vettura hierga minn go triq laterali minuri u anqas u anqas minn go garage. Hu elementari l-principju li min ikun hiereg minn go garage kellu juza l-massima prudenza, specjalment jekk il-vizwali tieghu ghal gol-*main road* fiz-zewg direzzjonijiet tkun b'xi mod ostakolata, kif kienet f'dan il-kaz, b'vetturi parkeggjati. Kien jinkombi fuq il-konvenut allura l-obbligu ta' *edging out* biex jesplora sewwa t-triq u kien assolutament zbaljat li jissottometti li hu kellu d-dritt jistenna li l-ebda traffiku ma jitla' minn Amery Street fuq in-naha l-hazina tat-triq.

Il-fatt li hu manifest li l-konvenut naqas minn dan l-obbligu primarju hu bizzejjed biex jakkollah ghar-responsabilita' shiha ghall-akkadut. Kull konsiderazzjoni l-ohra minnu sottomessa fir-rikors ta' l-appell issir ghal kollox irrilevanti. Apparti l-fatt li hemm dubbju jekk il-konvenut waqafx jew le, kif kien obbligat jaghmel biex jesplora sewwa t-triq, ma kienx

hemm dubbju li l-vizwali tieghu fuq Amery Street kienet, f'kull kaz, fit-tul hafna, u allura zgur ma setghax jippretendi li ma rax il-karozza l-ohra gejja minhabba l-ispeed eccessiv li biha kienet qed tigi misjuqa. Speed eccessiz li d'altronde minn ebda prova ma jirrizulta, la mill-entita' tad-daqqa u lanqas minn xi *brake marks* li halliet warajha l-karozza misjuqa minn Montalto. Inoltre l-fatt li din il-karozza ma halliet l-ebda *brake marks* hu wkoll indikattiv illi l-konvenut baqa' hiereg minn gol-garage bla ma waqaf, tant li hasad lil Montalto u kkrejalha emergenza subitaneja. Ma kien hemm allura xejn mill-provi x'jindika illi d-driver tal-vettura assikurat mas-socjeta' attrici kienet b'xi mod responsabbli ghall-incident jew ikkontribwit ghalih.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

Dep/Reg

mm